# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 t'Ottubru, 2017**

**Rikors Numru : 818/2017JPG**
**Kawza Numru : 24**

**PT Matic Environmental Services Limited**
**(C 17720)**

**-Vs-**

**Steel Structures Co Ltd**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti tas-7 ta' Settembru, 2017 mahlufa minn Oliver Fenech (K.I. 464982M) debitament awtorizzat, li jaqra hekk:

1. *Illi s-societa intimata Steel Structures Co Ltd dahlet fi ftehim mas-socjeta rikorrenti, permezz ta' liema ftehim is-*socjeta rikorrenti *inter alia intrabtet li tnehhi u tiddisponi minn saqaf tal-asbestos mill-muzew Nazzjonali tal-Arkejologija fil-Belt Valletta u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. PTM-001, li jikkonsisti f'deskrizzjoni u kwotazzjoni ghall-istess inkarigu kif ukoll f'Dok. PTM-002 li huwa ittra ta' hatra bhala sub-sontractor fuq l-istess inkarigu;*

2. *Illi s-socjeta rikorrenti ezegwiet il-parti taghha tal-inkarigu, b'dan li nehhiet u ddisponiet mis-saqaf tal-asbestos in kwistjoni, izda s-socjeta intimata naqset milli tonora l-obbligu taghha li thallas ghal dawn ix-xoghlijiet b'dan li issa hemm bilanc dovut lejn is-socjeta attrici ammontanti ghal mija u erbat elef u hames mitt euro u tmenin centezmu (€104,500.80) kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dok. PTM-003;*

3. *Illi minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas dovut, ittri u komunikazzjoni elettronika hawn annessi bhala Dok. PTM-004 u PTM-005, l-intimata naqset milli taghmel hekk u baqghet inadempienti, minghajr ebda raguni valida fil-ligi u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

4. *Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante illi, fil-fehma tas-societa rikorrenti, s-societa konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'taghti kontra t-talbiet tas-societa rikorrenti*

5. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, s-socjeta attriċi titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni*

1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lis-societa konvenuta li thallas lis-societa rikorrenti s-somma ta' mija u erbat elef u hames mitt euro u tmenin centezmu (€104,500.80);*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' fir-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta intimata skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi fl-udjenza tal-4 t'Ottubru, 2017, is-socjeta' intimata pprezentat nota ta' ammissjoni ghat-talbiet kif dedotti (vide Fol 20).

Rat illi l-avukati difensuri jaqblu li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza minghajr htiega ta' trattazjoni.

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. seqq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi , tilqa t-talbiet tas-socjeta'rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra s-socjeta'intimata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**